Minuti tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija- Nru 11 tat-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru 11**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**25 ta' Marzu 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ma setax jintaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 28, Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex minħabba l-imxija tal-Covid-19. Il-laqgħa saret virtwali permezz ta' MS Teams. Il-laqgħa bdiet fil-5.10 ta' wara nofsinhar.

---

**PREŻENTI:**

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Johnny Vella - Kunsillier

Domenic Zerafa - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENT:**

Marion Attard- Segretarju Eżekuttiv

**11.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

11.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

11.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 9 li saret nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2020 u tal-laqgħa b'Urġenza Nru 10 li saret fis-27 ta' Frar 2020 ma ġewx approvati hekk kif kien hemm membri tal-Kunsill ma kellhomx ċans jaraw il-minuti għalkemm intbagħtu qabel il-laqgħa.

**11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**11.3.1 Ġnien Il-Ħaddiem** Is-Sindku kkomunika li kien iltaqa' mal-Perit Frank Muscat, il-Perit inkarigat fuq il-proġett ta' tisbiħ ta' Ġnien Il-Ħaddiem, fuq il-post. Is-Sindku stqarr li kien reġa' għamel talba biex il-Ministeru jikkonsidra li jsiru *stores* taħt il-Ġnien li jkunu jistgħu jintużaw mill-Kunsill wara li l-pjanta sottomessa lill-PA ma kinitx tinkludi dawn l-*istores*. Il-Perit kien aċċerta lis-Sindku li dawn l-istores jistgħu jsiru u kienet ser isir emenda fil-pjanta biex dawn l-istores jsiru.

**11.3.2 Belvedere tal-Barmil** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-ħaddiema min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex kienu qed jaħdmu fuq il-ħitan tas-sejjieħ ta' dan il-Belvedere. Is-Sindku kkomunika ukoll li kienu waslu l-bankijiet ordnati kemm għal dan il-Belvedere u anke għall-Masġar ta' Blankas. Il-Viċi Sindku staqsa jekk kinitx saret l-applikazzjoni biex dan il-proġett jiġi ffinanzjat mid-DPF. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu stess kien iddiskutta mal-Perit ikkonċernet li kien ikkonferma li peress il-proġett kien inbeda diġa' din l-applikazzjoni ma setgħetx tiġi sottomessa. Il-Kunsill iddiskutta li ma kienx hemm spejjeż kbar involuti waqt li s-Sindku rreferra li l-Perit kien qed jipprepara l-BOQ tal-istencil.

**11.3.3 Triq Sant'Eliżabetta** Is-Sindku rreferra għall-problema li nqalgħet minħabba li l-WSC kienu rrevedew ix-xogħlijiet neċessarji f'din it-triq biex issa anke jinbidel il-main mhux biss is-servizzi tad-djar u b'hekk l-ispiża telgħet b'ammont sostanzjarju. Is-Segretarju spjegat li l-Ministeru ovvjament kien ta fondi fuq l-istimi li kienu provdew il-WSC lura fis-sajf tat-2018. Il-Viċi Sindku sostna li dawn l-ispejjeż għandu jagħmel tajjeb għalihom il-WSC u talab lis-Segretarju li jkun hemm dejjem bil-miktub għax m'huwiex ġust li l-Kunsill jispiċċa jħallas għall-iżbalji ta' ħaddieħor wara li l-istimi oriġinarji ma kinux jinkludu dawn ix-xogħlijiet kollha.

**11.3.4 Traffic Management tal-Pjazza** Is-Sindku spjega li t-*traffic management* issa għaddew taħt Dr Deborah Camilleri. Hemm maħsub li ssir *on-site visit* biex wieħed jara x'*traffic management* hemm meħtieġ.

**11.3.5 Proġett ta' Renewable Energy** Is-Sindku kkomunika li kien ġie mgħarraf dakinhar stess dwar laqgħa viritwali rigward proġett maħsub min-naħa tal-Ministeru tal-Enerġija fejn hemm maħsub proġett għall-pjazza li jaħdem bir-*Renewable Energy*.

**11.3.6 Fondi għall- kotba għal-librerija mir-Reġjun** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li kienu se jingħataw fondi lil kull Kunsill biex jinxtraw kotba. Kull Kunsill kellhu jinforma lir-Reġjun x'tip

ta' kotba jixtieq li jinvesti. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ipproponiet li l-Kunsill kellhu jara li jinvesti f'kotba ta' social stories u kotba mmirati għal tfal bl-awtiżmu u b'dsylexia.

**11.3.7** **Ħitan tas-Sejjieħ f'Masġar tal-Blankas** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien se jagħmel talba lill-Ministeru t'Għawdex biex jittranġaw il-ħitan tas-sejjieħ. Il-membri tal-Kunsill unanimament qabel li ssir din it-talba.

**11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**11.4.1** Il-Viċi Sindku staqsa rigward kif kien baqa' l-Kunsill fuq it-transferiment tal-ħaddiem. Is-Segretarju kkonfermat li fil-Laqgħa Nru 9 għalkemm kien hemm diskussjoni dwar il-fatt li l-Kunsill ma kienx attrazzat għal persuna b'diżabilita' ma kinitx ittieħdet deċiżjoni jekk dan il-persuna b'diżabilita' għandux jiġi allokat fil-Kunsill tax-Xewkija. Il-Viċu Sindku u l-Kunsilliera Jeanelle Attard stqarru li kienu jħossuhom iddiżappuntati li qarib ta' dan il-persuna ġie mgħarraf li l-membri tal-Kunsill kienu oġezzjonaw li din il-persuna tiġi transferita fil-Kunsill tax-Xewkija meta ma kinitx ittieħdet deċiżjoni. Is-Segretarju talbet biex il-membri jieħdu deċiżjoni jekk dan il-persuna għandux jiġi transferrit fil-Kunsill tax-Xewkija. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu. Il-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li din il-persuna għandha taħdem mill-*Exhibition Hall* waqt li l-Kunsilliera Jeanelle Attard tenniet li hi fil-Laqgħa Nru 9 kienet ipproponiet li għandu jagħmel xogħol ta' *telephone operator*. Is-Sindku stqarr li hu kien biss ikkomunika ma' min kien għamel it-talba li l-Kunsill għalkemm kien iddiskutta ma kienx ħa deċiżjoni u li hu kien beħsiebu jqajjem id-diskussjoni dwar dan it-transferiment mill-ġdid. Is-Segretarju ħadet nota biex tiċċekkja taħt liema skema qiegħed dan l-individwu. Is-Sindku kkonferma li l-paga mhux se toħroġ mill-Kunsill. Il-Kunsiller Jeanelle Attard talbet li jkollna konferma ta' dan bil-miktub waqt li l-Viċi Sindku talab li ssir talba formali.

**11.4.2** Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet fejn kienet waslet l-Iskema tal-Inklussivita'. Is-Segretarju kkomunikat li s-sejħa kienet ħarġet u waqt li kien hemm 3 applikanti eleġibli biex japplikkaw ħadd ma kien applika.

**11.4.3** Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk l-Assistent Prinċipal Mary Haber kinitx imxiet fil-kamra fejn Bernardette Vella u Chrismar Xuereb. Is-Segretarju kkonfermat li m'hemmx wisa' fejn toqgħod fil-kamra għax il-kamra żgħira wisq. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard refferiet li l-kamra fejn hemm l-Assistent Prinċipal Mary Haber hija *Exhibition Hall* u ma tistax tintuża bħala uffiċju. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ipproponiet li l-Ass Prinċipal Mary Haber kellha tixxerja l-kamra mas-Segretarju. Is-Segretarju ma qablitx u stqarret li għalkemm qatt ma oġezzjonat fuq il-fatt li taqsam l-Uffiċju mas-Sindku ma kinitx se taċċetta qatt li taqsam l-Uffiċju tagħha mal-kumplament tal-istaff hekk kif hi tkun qed taħdem fuq affarijiet li jitolbu ċertu privatezza. Barra minnhekk l-Assistent Prinċipal ma tistax taqdi Customer Care mit-tieni sular. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li kif inhi responsabbli mill-ħaddiema għandha dritt li tqassam ix-xogħol lill-istaf hi stess u ħadd aktar. Il-Kunsill Domenic Zerafa staqsa x'inhuma l-ħinijiet tax-xogħol tal-ħaddiema inkluż tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju rrimarkat li n-natura ta' xogħol ta' segretarju tirrikjedi li tagħmel xogħol wara l-ħin tal-uffiċju. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li meta jkollha bżonn tidħol tard tieħu ħsieb tapplikka għal-leave minn qabel. Rigward il-ħaddiema ta' barra ġie diskuss li x-xogħol tagħhom għandu jkun allokat minn ġurnata qabel ħalli jkunu jista' jmorru fuq il-post direttament.

**11.4.4** Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li kull talba għandha ssir bil-miktub biex tkun talba formali.

**11.4.5** Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rrefferriet għall-parir mogħti mid-Dipartment fuq il-ħatra tas-Sur Mario Camilleri fuq sotto-kumitat fejn sostniet li hi ma taqbilx ma' dan il-parir u għandu jkun il-Kunsill li jiddeċiedi. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill huwa fid-dmir li jimxi fuq il-parir mogħti mid-Dipartiment imma nfurmat lill-Kunsilliera biex tieħu ħsieb titlob aktar klarifika fuq il-parir mogħti. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard argumentat li s-Sur Camilleri kien se jagħmel xogħol volontarju bla ħlas u għaldaqstant meta wieħed jagħmel xogħol volontarju ma tintalabx kondotta u għalhekk ma tarax għalfejn m'għandux ikun fuq dan is-sotto-kumitat. Stqarret ukoll li r-riċerka kellha ssir mill-bidu li s-Sur Camilleri daħal biex jgħin biex jitqajjem dan il-ġemelaġġ u mhux issa. Is-Segretarju wieġbet li l-Kunsill ma jista' qatt jitqies bhala għaqda volontarja. Is-Segretarju Eżekutiv stqarret li hi ma kinitx konxja li persuna interdetta ma tistax tkun fuq sotto-kumitat u kien biss meta persuna ġibdet l-attenzjoni lis-Segretarju li ħasbet li jkun għaqli li titlob verifika lid-Dipartiment. Is-Sindku kkomunika li hu stess kien ħa parir mingħand il-President tal-AKL fejn kellhu konferma li persuna interdetta ma tistax toqgħod fuq sotto-kumitat u waqt li m'għandu xejn kontra s-Sur Camilleri jħoss li hu d-dover tiegħu li jimxi ma' dak li tistipula l-Liġi. Is-Sindku kkomunika li kien is-Sur Camilleri stess li f'Settembru kien bagħat imejl lil Comune ta' Castelvenere u l-Kunsill tax-Xewkija fejn infurmahom li hu ma jridx li jkollu xejn aktar x'jaqsam fejn jidħol il-ġemellaġġ bejn iż-żewġ kunsilli. Il-Viċi Sindku kkomunika li jħoss li qatt ma kellhu għalfejn jintalab parir mid-Dipartiment imma issa li dan il-parir intalab il-Kunsill ma kellhux triq oħra ħlief joqgħod fuq dan il-parir. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard sostniet li issa se jkun diffiċli li jinżammu l-kuntatti għax il-kuntatti kienu kollha bejn is-Sur Camilleri u Castelvenere. Għal darb'oħra s-Segretarju staqsiet għalfejn wara li tqajjem il-ġemelaġġ il-Kunsill qatt ma kien irċieva imejls jew xi tip ta' korrispondenza oħra direttament il-Kunsill. Stqarret ukoll li tħoss li wara li kienu telgħu tlett delegazzjonijiet Castelvenere u ġew delegazzjoni min Castelvenere saru biżżejjed kuntatti bejn il-membri tal-Kunsill u ma tarax li għandha tkun problema biex iż-żewġ ġemellatti biex jikkomunikaw direttament ma' xulxin. Il-Kunsillera Jeanelle Attard talbet li s-Sindku jew is-Segretarju jieħdu ħsieb jinfurmaw b'mod formali lis-Sur Mario Camilleri li hu ma setax ikun fuq sotto-kumitat.

**11.4.6** Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward jekk kienx hemm risposta min-naħa ta' VisitMalta rigward l-applikazzjoni għall-fondi tal-*Christmas Market*. Is-Segretarju wieġbet li waqt li kienet irċeviet imejl fejn kellhom jerġgħu jirrevedu l-applikazzjoni, ma kinitx irċeviet l-ebda risposta dwar dan. Is-Segretarju nfurmat li kienet ser tiġbor il-kontijiet biex tara x'kontijiet jrid iħallas il-Kunsill, hemm parti taħt l-Iskema ta' Lesa u hemm parti li kellhom jiġu ffinizzjati mill-VisitMalta biex jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

**11.4.7** Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rreferriet jekk kienx hemm xi talbiet min-naħa tal-Kap tal-Iskola. Is-Segretarju kkomunikata li l-aħħar korrispondenza kienet rigward il-palk u din kienet ġiet diskussa fil-Laqgħa Nru 9.

**11.4.8** Il-Viċi-Sindku staqsa jekk il-fond li kien ingħata l-Kunsill taħt Miżura 4 kienx qed jiġi utillizat. Is-Segretarju spjegat li l-proġett kien kważi ffinalizzat kollu bix-xogħol għaddej fuq l-aħħar triq, Triq Tas-Salib. Is-Segretarju spjegat li kien hemm kwistjoni peress li kien hemm applikazzjoni mill-Ministeru t'Għawdex fuq l-istess toroq imma l-Kunsill kien qabel li jmexxi peress li l-fondi kienu diġa' ġew allokati. Il-Viċu Sindku stqarr li hu ma kienx jaf li l-offerta għal dan it-tender kienet ġiet *awarded.* Is-Segretarju nfurmat lill- Viċi Sindku li kienet se tieħu ħsieb tibgħatlu ir-rapport tal-Evalwazzjoni u l-minuti fejn il-Kunsill approva l-istess rapport.

**11.4.9** Il-Kunsillier Domenic Zerafa staqsa fuq il-possibilita' li titwessa' t-triq tal-Loġġa b'żewġ piedi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għaddej b'kuntatti mal-Ministeru fejn is-Sindku kien intalab

biex jinġabru l-firem tal-bdiewa kollha li għandhom il-qbiela tar-raba' tal-gvern ħallu jkun hemm kunsens minn dawn il-bdiewa.

**11.4.10** Il-Kunsillier Jeanelle Attard staqsiet jekk kienx ser isir il-Pjan ta' Ħidma għal 5 snin. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li dan il-Pjan kien ġie approvat fil-Laqgħa b'Urġenża Nru 10 fejn il-Kunsilliera ma setgħetx tattendi. Is-Segretarju ħadet nota biex tibgħat kopja tal-Pjan ta' Ħidma lill-Kunsilliera Jeanelle Attard.

**11.4.11** Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward il-*Virtual Reality Kit* li kellha tiġi installata fil-librerija wara li l-Kunsill kien ingħata fond taħt l-iskema SPI 10/2019. Is-Segretarju għarrfet lill-Kunsill li fuq talba tal-Kunsilliera Jeanelle Attard reġgħet ivverifikat mad-Direttur Marisa Pisani jekk dan il-fond jistax jintuża biex jinxtraw kotba. B'imejl mid-dipartiment, il-Kunsill ġie infurmat li kienu ngħataw €700 f'kotba mill-Malta Libraries u għaldaqstant il-fond taħt l-iskema SPI 10/2019 bilfors ried li jintefaq fuq il-VR Kit. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet kif fl-iskeda tal-pagamenti kien hemm kont tax-xiri ta' kotba. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li din il-materja kienet ġiet diskussa u approvata fil-Laqgħa Nru 8.

**11.4.12** Il-Kunsillier Jeanelle Attard talbet li l-website tal-Kunsill jiġi aġġornat. Il-membri tal-Kunsill qablu li s-Sur Joseph Grima jkun responsabli biex jaġġorna il-*website*. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li jkun hemm informazzjoni relevanti bħal minn hu responsabli minn kull dekasteru, x'proġetti għaddejjin u informazzjoni li tgħin lill-istudenti tar-raħal.

**11.4.13** Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li hekk ikollu problema biex jaqbad permezz tat-telephone il-Kunsill kemm filgħodu u anke wara nofsinhar. Is-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tkellem lil tal-Go.

**11.5 Coronavirus- L-effetti fuq il-Kunsill u fuq ir-residenti**

11.5.1 Is-Sindku kkomunika li l-Coronavirus kien qed iħalli l-effetti fuq l-operat tal-Kunsill fejn il-Kunsill qed jimxi fil-miżuri li qed joħroġ kontinwament il-gvern, direttivi li qed joħroġ id-dipartiment u anke fuq ċirkulari li qed toħroġ l-AKL.

11.5.2 Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera jaċċettaw biex jidħlu fil-pjattaforma li ħolqot AKL bl-isem You Safe fejn anke inħolqot pjattaforma għal kull raħal, You Safe Xewkija, filkaz tax-Xewkija. L-iskop ewlieni hu li r-residenti ma jħossuhomx waħedhom f'dan iż-żmien. Din il-pjattaforma għandha tkun t'għajnuna fejn tinkludi per eżempju dawk il-ħwienet li qed jagħmlu *delivery*. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li jkun aħjar jekk il-Kunsill jiffokka fuq il-page tal-facebook tal-Kunsill.

11.5.3 Il-Kunsill iddiskutta li avvenimenti tal-massa bħal Ballata u Evviva Wine Festival ma kienx hemm triq oħra ħlief li jiġu kkanċellati minħabba l-Corona Virus.

11.5.4 Il-Viċi-Sindku talab li tintbagħat imejl immedjatament rigward l-għeluq temporanju tal-*Branch* tal-Bank of Valletta fix-Xewkija li wassal għall-problema speċjalment għall-anzjani tar-raħal meta fir-raħal anqas biss hawn ATM. Is-Sindku rrimarka li ma jixtieqx li l-Bank of Valletta jieħdu ċ-ċans li din il-branch tingħalaq u tibqa' magħluqa.

11.5.5 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li bħala protezzjoni għall-ħaddiema tal-Kunsill kienet se tingħata *perspex screed* għal fuq id-desk mill-AKL.

11.5.6 Il-Kunsill spjega li hemm numri ta' servizzi li l-Kunsill qed iħeġġeg lill-pubbliku biex jużaw l-*online system* ħalli ma jkollux għalfejn jiġi l-Kunsill.

**11.6 Ħruġ Tender tal-Knis u Żamma tat-Toroq**

11.6.1 Is-Sindku spjega li kellhu jitwaqqaf is-servizz tal-knis u żamma tat-toroq offrut mill-Għaqda Armar meta sfortunatament dawn infurmaw lill-Kunsill li ma kellhomx min jiknes. Is-Sindku spjega li ma jarax għalfejn il-Kunsill għandu kontinwament jċempel biex jiġbed l-attenzjoni biex jinżammu fi stat nadif it-toroq. Is-Sindku spjega li l-Kunsill qed jirċievi ilmenti qed fuq l-areas kollha. Is-Sindku spjega li l-awditur ġibed l-attenzjoni li dan is-servizz m'għandux jinqasam. Is-Sindku kien iċċekkja jekk dan hux minnu u kellhu konferma li dan mhux suppost isir. Il-Kunsill iddiskutta li l-għan kien biex b'hekk l-għaqdiet jagħtu servizz u jkunu qed jiġġeneraw dħul għall-għaqdiet.

11.6.2 Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil li ż-żamma tat-toroq tal-area li minnha kienu responsabli tal-Armar kellha tgħaddi minnufih taħt ir-responsabilta' tal-ħaddiema allokati mal-Kunsill. Safrattant meta jiskadu l-kwotazzjonijiet l-areas l-oħrajn għandhom ukoll jgħaddu taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill u b'hekk il-Kunsill ikun qed jiffranka spiża sostanzjarja. Il-Kunsill iddiskutta u unanimament qabel mal-possibilita' li jiżdiedu l-*Community Workers.*

**11.7 Ħatra ta' Bordijiet tal-Evalwazzjoni: Offerti għas-CCTVs f'Tal-Barmil;**

**Offerti għall-equipment tal-Bandli tal-Ħamrija;**

11.7.1 B'referenza għas-sejħa għall-offerti tac-CCTVs f'Tal-Barmil u għas-sejħa għall-offerti għall-Equipment tal-Bandli f'Tal-Ħamrija il-membri tal-Kunsill qablu li l-bord ikun iffurmat mis-Sur William Sultana bħala ċ-Chairperson, Segretarju tal-Bord is-segretarju tal-Kunsill u l-evalawaturi l-Perit Edward Scerri, l-avukat Kevin Mampaloa u l-accountant Darren Mercieca.

**11.8 Korrispondenza u Materji Oħra**

11.8.1 18/02/2020 Cir AKL/2020/012 dwar Climate Change Townhall ser isir laqgha dwarha.

11.8.2 20/02/2020 PQ 13041 – Ministeru ghall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali – Kunsilli Lokali – permessi matul is-sena 2019

11..8.3 21/02/2020 Korrispondenza dwar konferenza NCPE fl-4 ta' Marzu 2020 suggett Jum Internazzjonali tal-Mara

11.8.4 25/02/2020 Korrispondenza minghand Rueben Said TM dwar Traffic Management Requests

11.8.5 25/02/2020 Agenda Nru 10 Laqgha b'urgenza tal-Kunsill Lokali ix-Xewkija il-Hamis 27 ta' Frar, 2020 fl-4.00p.m..

11.8.6 26/02/2020 Cir AKL 2020/015 dwar Guidance on Coronavirus – OHSA

11.8.7 04/03/2020 Korrispondenza minghand Leah Camilleri Debono mill-Culture Heritage on Behalf of Gozo Cultural Events at MGOZ dwar Attivitajiet Kulturali li ser isiru mill-Kunsill Lokali biex jigu nfurmati sal-15 ta' Marzu, 2020.

11.8.8 04/03/2020 Korrispondenza minghand Chris Azzopardi dwar Fiera tal-Kotba li ser issir f'Arka Respite Centre.

11.8.9 06/03/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva Marion Attard fejn infurmat lis-Sindku, Vici Sindku u Kunsilliera li anness baghtet 'Launch of Public Enquiry in relation to playgrounds. Report forwarded to architects working on Playingfields'.

11.8.10 10/03/2020 Cir AKL 2020/019 dwar Covid – 19 Tqassim ta' Maskli u ingwanti disponibbli mill-AKL.

11.8.11 10/03/2020 Cir AKL 2020/020 – Laqghat u Sessjonijiet ta' Informazzjoni – Prekawzjonijiet f'dan il-Perjodu li ghaddejjin minnu.

11.8.12 12/03/2020 Cir AKL 2020/022 Rakkomandazzjonijiet ghall-Kunsilli Lokali f'dan il-perjodu.

11.8.13 12/03/2020 Korrispondenza minghand Josef Gatt Local Government dwar Informazzjoni u Gwidi dwar Covid 19

11.8.14 16/03/2020 Korrispondenza minghand Marion Attard is-Segretarja Ezekuttiva lis-Sur John Vella dwar struttura li bdiet fi Triq Guze D'Amato qabel inqalet il-bozza ghax jista jsir xi incident.

11.8.15 17/03/2020 Korrispondenza minghand is-Sur Joe Micallef tal-Malta Marathon biex javza li il Gauodos Half Marathon 2020 ġiet posposta minhabba din is-sitwazzjoni li ninsabu fiha.

11.8.16 18/03/2020 Cir AKL 2020/024 Re-Important notice regarding submission of Health Claims – Covid 19

11.8.17 18/03/2020 Segetarja Ezekuttiva Marion Attard Laqgha Numru 11 nhar il-Erbgha 25 ta' Marzu 2020 fl-4.00p.m..

11.8.18 23/03/2020 Cirkulari 2/2020 dwar Corona Virus(Covid 19) Korrispondenza minghand id-Direttur tal-Gvern Lokali Monitoragg u Sapport Ref: 16/2016 fuq gwidi ohra rigward din il-marda iktar Prekawzjonijiet.

11.8.19 23/03/2020 Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill tax-Xewkija nru 9 u nru 10 minghand is-Segretarju Ezekuttiv Marion Attard lis-Sindku, Vici-Sindku u Kunsilliera.

11.8.20 24/03/2020 Cirk AKL 20230/024 minghand Assocjazzjoni Kunsill Lokali is-suggett huwa 'Life for proposals 2020'

**11.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti**

11.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill apparti kont ta' GaleaCurmi Engineering relatat mar-rapport imħejji fuq żieda ta' bozoz fi Triq Il-Ħamrija. Il-Kunsill iddiskutta li kellhu jkellem lill-GaleaCurmi Engineering peress li l-ammont tal-kont hu wieħed sostanzjarju u l-Kunsill qatt ma ngħata indikazzjoni li l-ammont kien se jammonta daqshekk. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**11.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

11.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.10pm. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 27 t'April fil-5.00pm.

Konfermati, illum **27 t'April 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ______________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |